MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 14/2005/2

**Anthony Tabone f'ismu u f'isem l-imsefrin Victoria sive Vicky Debrincat u Mary Anne Vella, kif ukoll f'isem l-imsefrin Giusepp, Carmelo, Pawlu, John Baptist, Publius, Vittorja mart John Pace, aħwa Tabone, Margaret armla ta' Louis Mizzi, John Tabone, Rożina mart Emanuel Cauchi, Mariano Tabone**

**v.**

**Joseph Bianco**

**Il-Qorti,**

## Preliminari

Dan huwa appell ad istanza tal-attur John Tabone li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti tħassar is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Ġenerali fil-11 ta’ Jannar 2011 u kkoreġuta permezz ta’ digriet tal-istess Qorti fl-1 ta’ Frar 2011, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa’ t-talbiet tiegħu kif dedotti fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a kariku tal-konvenut.

Għal intendiment aħjar ta’ dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti u d-digriet tal-korrezzjoni qegħdin jiġu hawnhekk riprodotti fl-intier tagħhom:

**Sentenza deċiża mill-ewwel Qorti fil-11 ta’ Jannar 2011**
“Il-Qorti,

“Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

“Illi l-atturi huma jippossjedu b’titolu ta’ enfitewsi perpetwi porzjon mill-art magħrufa bħala Iċ-Ċarrut bil-kejl ta’ circa mija u sittin punt deċimali tlieta tlieta metri kwadri (160.33 m.k.) konfinanti mill-punent ma’ Triq l-Għar ta’ Karolina, tramuntana ma’ beni ta’ Anthony Portelli u nofsinhar ma’ beni ta’ l-eredi ta’ Pawlu Mercieca li tinsab fix-Xlendi, limiti ta’ Munxar Għawdex drabi oħra limiti ta’ Kercem, Għawdex.

“Illi riċentement u ċioe’ f’xi żmien wara l-għaxra (10) ta’ Diċembru elfejn u erbgħa (2004) il-konvenut abbużivament, vjolentament u klandestinament daħal permezz ta’ gaffa f’din ‘ir-raba’, kisser is-siġar li kien hemm fosthom siġra taż-żebbuġ kif ukoll neħħa id-dwieli, neħħa l-weraq ta’ dindja li kien jiddelimita din l-art u waqqa’ ħajt tal-kantun li kien jifred din l-għalqa mit-triq.

“Illi dan l-aġir jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-atturi.

"Illi l-atturi jridu li l-konvenut jiġi kkundannat sabiex jispurga dan l-ispoll u minkejja diversi interpellazzjonijiet il-konvenut baqa' inadempjenti.

"Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin a dannu ta' l-atturi meta daħal permezz ta' gaffa fir-raba fuq deskritta u kisser is-siġar li kien hemm fosthom siġra taż-żebbuġ kif ukoll neħħa d-dwieli u waqqa' ħajt tal-kantun li kien jifred din l-għalqa mit-triq.

2. Tikkundanna għalhekk lill-istess konvenut sabiex jispurga dan l-ispoll fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu ffissat minn din l-Onorabbli Qorti.

3. Tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas da parti tal-konvenut jagħmlu l-istess xogħlijiet a spejjeż tal-konvenut.

"Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali spedita f'Jannar 2005.

"Il-konvenut imħarrek għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġu nġunti.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament ikkonfermata bil-ġurament ta' Anthony Tabone.

"Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante għaliex fil-każ odjern jonqsu t-tlett elementi ta' possedisse, spoliatum fuisse, u infrabimestre deduxisse rigward l-art in kwistjoni;
2. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut ikkonfermata bil-ġurament tiegħu.

"Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

"Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

"Ikkunsidrat:

"Illi din hija kawża ta' spoll. Dwar kawża ta' dan it-tip ġie mfisser illi:

"*"In tema legali jingħad li l-'actio spolii' hija radikata pjuttost fuq l-eżiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut tal-ġustizzja, u hija eminentement intiża sabiex tkun estiża l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jiġi mpedut li ċittadin privat jieħu l-ġustizzja f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak illi jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat;*

*L-art. 572 (illum 535) tal-Kodiċi Ċivili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta' ordni pubbliku, u huwa inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li, għalkemm jista' jkollu dritt għalieh, ma jkunx jista' jeżerċitah mingħajr l-intervent tal-Qrati (ara Kassazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs. Fischt, Volum XIII, P. 1, pag. 555 tal-Annali tal-Ġurisprudenza). Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-liġi ċitata, ma għandux jiġi minsi l-art. 794 (illum 791) tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, li jaħseb u jgħid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli ħlief eċċezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-ġurisprudenza lokali u estera (ara Vol. XXXI. I. 296 Appell 8 ta' Marzu 1943, in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar"; Vol. XXI. II. 83 P'Awla Civili, 20 ta' April 1916, in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899, in re Decarcano vs. Cafici, Foro Catanese Vol. 1889, pagna 124; u dan biex ingħataw xi sentenzi);….."*.[1]

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit : Prim'Awla : 12.4.1958 vol. XLII. II. 975 .

"Illi, għalhekk, kif ġie ripetutament imfisser mill-qrati tagħna, jenħtieġu tliet elementi sabiex tirnexxi kawża bħal din:

(i) li l-attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa spoljata (*possedisse*);
(ii) li ġie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u
(iii) li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll *(infra bimestre deduxisse*).

"*"Jekk imqar xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali ma jiġix ppruvat, l-azzjoni taqa' mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiżiti l-oħra*."[2]

"Dwar din l-azzjoni l-**Mattirolo** jispjega illi:

"*"La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato e' una misura di ordine pubblico, e' un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica. L'articolo 695 del Cocice Civile applica, in tutto il suo rigore, la regola **"spoliatus ante omnia restituendus"**. Il perche' l'azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegittima, purche' pero' abbia il carattere esteriore dell'esercizio di un preteso diritto."*[3]

"Għalhekk sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attriċi, jrid jiġi stabilit jekk jeżistux dawn it-tliet elementi fil-każ in eżami. Mill-provi mressqa rriżulta illi l-atturi qed jilmentaw għax il-konvenut, permezz ta' terzi nkarigati minnu, żabar xi siġra taż-żebbuġ f'biċċa art fix-Xlendi, li tiġi wara d-dar ta' villeġġjatura ta' omm il-konvenut[4] u li l-atturi jikkontendu li hija fil-pussess u proprjeta' tagħhom, u aktar minn hekk daħal b'gaffa ġewwa din l-art billi kisser ħajt li

[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia ; Appell Civ. 7.3.1958 – vol. XLII. I. 86 .
[3] Trattato di Dirito Giudiziario Civile Italiano Vol. I. 5ta. ed. 1902 Torino, para. 271 .
[4] ara pjanta a fol. 166 tal-process, u kopja ta' parti mis-survey sheet tal-lokal a fol. 67; l-art in kontestazzjoni hija dik delinejata bl-ahdar .

kien jifridha mit-triq, u qaċċat ukoll xi dwieli u siġar tal-bajtar tax-xewk li kien hemm fl-istess biċċa art.

"**L-iSpoll**

"Dan l-aġir ma ġiex kontestat bħala fatt mill-konvenut, anzi Joseph Bianco stess ammettieh sew fl-affidavit tiegħu u anke in kontro-eżami. Isostni pero' li dak li għamel sar fil-propjeta' ta' omm il-mara tiegħu u bil-kunsens tagħha, bl-intenzjoni li jiġi kkrejat spazju għall-parkeġġ tal-vetturi tagħhom, f'post fejn huwa ferm diffiċli li ssib dan l-ispazju speċjalment fis-sajf. Għalhekk m'hemm l-ebda ħtieġa li ssir xi indaġini ulterjuri dwar it-tieni element meħtieġ f'kawża bħal din, u dan qed jiġi dikjarat minnufih bħala ppruvat.

"**Il-Pussess**

"Il-konvenut pero' jikkontesta l-pretensjoni ta' l-atturi illi huma kellhom il-pussess jew detenzjoni kif trid il-liġi fi ħwejjeġ simili sabiex ikun jista' jingħad illi huma ġew disturbati f'dan il-pussess u għalhekk intitolati għar-reintegrazzjoni.

"Dwar dan l-ewwel element indikat hawn fuq, li huwa meħtieġ sabiex tirnexxi kawża ta' spoll ingħad:

"*"Illi l-ewwel rekwiżit, kwindi, sabiex l-azzjoni tar-rintegrazzjoni tista' tiġi milqugħa bil-favur, huwa li l-instanti jkollu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa li fuqha jkun pretiż li sar l-ispoll. L-espressjoni wżata mill-liġi –"***possession of whatever kind***" – dak li jinteressana f'dal-każ – tikkomprendi tant il-pussess ċivili kemm dak sempliċement naturali, u anki dak vizzjuż; imma pero' teżiġi dejjem f'dak li jippromwovi din l-azzjoni xi pussess; l-għaliex, jekk l-attur f'kawża bħal din li fuqha qegħdin nitkellmu ma jkunx ippossjeda l-ħaġa, l-azzjoni hija destinata li ma tirnexxix."*[5]

[5] Fenech vs Zammit gia citata .

“Huwa ferm pertinenti x’jgħid l-awtur taljan ġia ċitat f’dan ir-rigward:

“*“Giusta la definizione, che l’articolo 685 ne da’ del possesso, questo puo’ cadere tanto sulle cose corporali, quanto sulle incorporali…; nel primo caso, esso si presenta sotto la forma della detenzione di una cosa; nel secondo, sotto l’aspetto del godimento di un diritto che si esercita. Ma in entrambi i casi, a costituire il possesso sono necessari due elementi: il corpo e l’animo; cioe’ il fatto esteriore della detenzione della cosa o dell’esercizio del diritto; l’animo, ossia la volonta’ del possessore di possedere per se’.*

*“Questa volonta’, quest’animo, secondo la nozione odierna del possesso, occorre in diversi modi, secondo che si tratti – del possesso legittimo, tutelato dall’azione di manutenzione – o del possesso semplice, garantito soltanto con l’azione di reintegrazione - : pel primo e’ necessario l’animus domini, val quanto dire la volonta’ di ritenere la cosa come propria, di esercitare il diritto come proprio: pel secondo, basta l’animo nel possessore di tenere la cosa o l’esercizio del diritto per se’, independentemente da ogni pretesa sulla proprieta’ della cosa, sulla spettanza del diritto che di fatto si esercita.”*[6]

“Fil-każ in eżami l-atturi qed jallegaw illi huma kellhom il-pussess ta l-art *de quo agitur* sa minn meta missierhom Salvatore Tabone akkwista l-art magħrufa bħala "ċ-Carrut" fl-1948 [7] u jikkontendu illi din l-art tifforma parti ntegrali minn biċċa art akbar konċessa lilu bl-att relattiv. Infatti l-attur Ganni Tabone jsostni li s-siġar li hemm fl-art in kontestazzjoni kienu tħawwlu minnu u minn missieru ftit wara dan l-akkwist. L-istess attur jgħid li l-aċċess għal din il-biċċa art kien isir billi jaqbżu minn fuq blata li kien hemm fil-ġemb fi Triq l-Għar ta' Karolina. Irriżulta pero' illi wara xi żmien dan l-aċċess ma setgħax jibqa' iżjed jintuża billi s-sidien ta' l-art aktar 'l ġewwa min dik ta' l-atturi, kienu waħħlu rixtellu fil-bidu ta' din it-triq, proprju mal-kantuniera

---

[6] op. cit. Footnote pag. 255 – 256 .
[7] ara kopja tal-kuntratt esebit a a fol. 57 - 58 tal-process .

tal-bini ta' Maria Mercieca, omm il-mara tal-konvenut.[8] Sussegwentement għalkemm ressqu l-istess rixtellu iżjed ‘il ġewwa mill-għalqa *de quo*, u dan wara li t-triq ġiet skavata sabiex ikun jista' jsir xi bini ġdid fuq in-naħa l-oħra, l-atturi xorta ma tħallielhomx aċċess għal din l-għalqa minn din it-triq. Dan għaliex imbena ħajt (dak li imbagħad partijiet minnu twaqqgħu mill-konvenut)[9] mingħajr ma tħalliet ebda fetħa minn fejn setgħu jidħlu l-atturi għal din l-għalqa. L-istess Ganni Tabone jgħid li wara li nbena dan il-ħajt, huwa kien jidħol minn hemm permezz ta' sellun, inkella minn ġewwa l-parti l-oħra ta' l-art tagħhom. Imma filwaqt illi minn banda waħda huwa ferm inverosimili li l-attur imsemmi kien juża s-sellun biex jaċċedi għal din l-għalqa minn fuq il-ħajt, mill-banda l-oħra rriżulta mix-xhieda tal-perit Joseph Dimech, li kien ġie nominat bħala espert tekniku fil-kawża ta' diviżjoni pendenti bejn l-atturi, li l-art tan-naħa ta' wara ta' l-atturi li hija f'livell iżjed baxx, kienet għal kollox interkjuża u ma kien hemm l-ebda aċċess minnha għal ġewwa dik in kontestazzjoni. Dan jirriżulta anke mill-pjanta redatta mill-istess perit li ġiet esebita wkoll f'din il-kawża.[10]

“L-atturi jallegaw illi Ganni Tabone kien u baqa' jmur f'din l-għalqa biex jaqta' l-frott mis-siġar li kien hemm fiha. Ix-xhud Anthony Vella, prodott mill-atturi kkorrobora dan, imma dan ix-xhud ma tantx jista' jitqies wisq kredibbli f'kull ma qal. Dan għaliex filwaqt li l-kontendenti jaqblu li l-ħajt li kien jifred din l-għalqa mit-triq twaqqa' fix-xahar tal-Milied, huwa sostna għall-kuntrarju li dan seħħ "*fil-bidu tas-sajf*".[11]

“Il-konvenut, da parti tiegħu, jikkontendi li din l-għalqa kienet ilha żmien mitluqa, abbandunata u mimlija imbarazz, u qatt ma deher ħadd fiha. Dwar dan ġie kkorroborat minn Maria Mercieca, omm il-mara tiegħu, u miż-żewġ persuni li huwa kien inkariga sabiex jiżbru s-

---

[8] ara pjanta Dok. CS 1 esebita a fol. 260, ritratt esebit a fol. 391u deposizzjoni ta' Anthony Vella a fol. 261 et. seq. .

[9] ara ritratt a fol. 69 .

[10] ara deposizzjoni tieghu a fol. 76 - 77 u Dok. JT 3 a fol. 60 .

[11] ara xhieda tieghu a fol. 96 .

siġar taż-żebbuġ li kien hemm fiha.[12] Terġa' l-fatt li l-atturi damu sa nofs ix-xahar ta' Jannar tas-sena 2005 biex jilmentaw mal-konvenut dwar dawn ix-xogħlijiet, meta rriżulta li s-siġar taż-żebbuġ inżabbru fl-aħħar tas-sajf tas-sena 2004 u x-xogħol l-ieħor sar fix-xahar ta' Diċembru ta' l-istess sena, jkompli jsaħħaħ din it-teżi tal-konvenut li ħadd mill-atturi ma kien baqa' jiffrekwenta din l-għalqa fl-epoka li seħħew dawn ix-xogħlijiet. F'tali ċirkostanzi huwa ferm diffiċli li jitwemmnu l-atturi meta jissottomettu li huma qatt ma rħew minn idejhom il-pussess ta' din l-għalqa sa minn meta sar l-akkwist minn missierhom fis-sena 1948. Konsegwentement ma jistax jingħad illi l-atturi kellhom il-pussess li trid il-liġi f'każijiet simili.

“**Iż-żmien**

“Għalkemm l-atturi jsostnu li x-xogħlijiet lamentati saru kollha fix-xahar tal-Milied tas-sena 2004, u ma kienux f'pożizzjoni jkunu iżjed speċifiċi dwar meta saru, irriżulta sodisfaċentement illi ż-żabra tas-siġar saret fl-aħħar tas-sajf 2004. Dwar dan kienu konsistenti sew il-konvenut u l-persuni li attwalment wettqu dan ix-xogħol fuq inkarigu tiegħu, u ċioe' Salvu Sciberras u Salvu Buttigieg. Fir-rigward ta' dan ix-xogħol, l-azzjoni preżenti hija għalhekk ampjament perenta, għaliex ġiet intavolata iżjed minn erba' xhur minn meta twettaq. Fir-rigward imbagħad tax-xogħlijiet l-oħra, il-konvenut reġa' kien preċiż għall-aħħar meta sostna li dawn saru fit-8 ta' Settembru 2004, festa pubblika, meta huwa allura seta' jkun preżenti Għawdex biex jagħti d-direzzjonijiet meħtieġa lill-ħaddiema inkarigati minnu. Billi din il-kawża saret fid-9 ta' Frar 2005, kienu għalhekk laħqu skadew ix-xahrejn permessi mil-liġi għal kawża bħal din. Għaldaqstant dan l-element lanqas ma rriżulta sodisfatt.

“Għal dawn il-motivi, peress illi jonqsu żewġ elementi meħtieġa mill-liġi sabiex tirnexxi kawża bħal din, tiddeċidi l-kawża billi tilqa’ l-eċċezzjoni tal-konvenut u tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-atturi.”

---

[12] ara affidavit tal-konvenut a fol. 135 et seq ; xhieda ta' Maria Mercieca a fol. 119 - 122; affidavit , ta' Salvu Sciberras a fol. 127 u dak ta' Salvu Buttigieg a fol. 183 - 186 .

**<u>Digriet ta' Korrezzjoni tal-1 ta' Frar 2011</u>**

"Il-Qorti;

"Rat ir-rikors u r-risposti relattivi;

"Rat ukoll l-artikolu 825 tal-Kap. 12.

"Billi l-ligi f'dan l-artikolu tippermetti korrezzjoni tas-sentenza *inter alia* fil-"kliem uzat".

"Billi hu ovvju illi din il-Qorti riedet tikteb "Dicembru" u mhux "Settembru", kif erronjament tnizzel fis-sentenza, aktar u aktar meta ghamlet referenza ghax-xhieda tal-konvenut (ara affidavit ta' Joseph Bianco a fol. 139).

"Billi ukoll din il-korrezzjoni m'hi ser tibdel bl-ebda mod il-mertu tad-decizjoni tal-Qorti, billi fi kwalunkwe kaz lahaq skada t-terminu koncess mil-ligi sabiex issir kawza ta' spoll bhal din.

"Tilqa' t-talba u tawtorizza l-korrezzjoni fis-sentenza taghha tal-11 ta' Jannar 2011 bil-mod indikat fir-rikors."

**Rikors tal-appell ta' John Tabone:**

L-attur appellant ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha.

<u>L-aggravji tiegħu huma dawn:</u>

<u>L-okkju żbaljat:</u>
L-appellant jargumenta li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija nulla peress li mhix mogħtija kontra l-atturi kollha tant li fiha ma humiex imsemmija l-atturi Margaret Mizzi, John Tabone (l-appellant innifsu), Rosina Cauchi u Mariano Tabone.

<u>L-element tal-pussess:</u>
Isostni wkoll li l-kontestazzjonijiet ta' fatt tal-ewwel Qorti huma skorretti u ankorke` huma kif esposti minnha, xorta

waħda dawn ma jwasslux għad-deduzzjoni li kien hemm abbandun tal-pussess.

L-element tax-xahrejn:
Fl-ewwel lok l-appellant jargumenta li meta l-ewwel Qorti stqarret li l-intervent fuq is-siġar sar "*fl-aħħar tas-sajf 2004*" dan ifisser li kien fl-aħħar ta' Awwissu għaliex skont il-metereoloġija t-tlett xhur tas-sajf fil-ħemisfera tat-Tramuntana (fejn tinsab Malta) huma Ġunju, Lulju u Awwissu. Dwar il-ftuħ tal-ħajt jaċċenna għall-fatt li l-ewwel Qorti qalet li dan sar fit-8 ta' Settembru 2004 u jsostni li huwa konfliġġenti mal-parti razzjonali tas-sentenza fejn jingħad li x-xogħlijiet saru fix-xahar ta' Diċembru. Dan il-konflitt bejn il-parti razzjonali u l-parti deċiżiva tas-sentenza, fil-fehma tiegħu, iwassal għal nullita` tagħha. Huwa jsostni li l-atti spoljattivi saru kollha f'Diċembru 2004 u mhux kif iddeċidiet l-ewwel Qorti. Ikompli jgħid li f'każ li tiġi aċċettata l-konklużjoni tal-ewwel Qorti li l-każ tas-siġar seħħ f'Settembru u mhux kontestwalment mal-ftuħ tal-apertura, u f'każ ukoll li ż-żbir u l-qlugħ tas-siġar jiġi kkunsidrat bħala spoll u mhux mera turbattiva, f'din l-ipotesi saru żewġ atti ta' spoll separati: waħda f'Settembru (żbir u qlugħ tas-siġar) u l-oħra f'Diċembru (ftuħ tal-ħajt u okkupazzjoni tal-għalqa).

*Dies a quo:*
Anke jekk titwemmen id-data mogħtija mill-konvenut, il-kawża fir-rigward tax-xogħlijiet ġiet ippreżentata fl-aħħar jum tat-terminu: it-terminu kien jagħlaq fil-jum li fih ġiet miftuħa l-kawża.

**Risposta tal-appell tal-attur Anthony Tabone pro et nomine:**

L-attur Anthony Tabone pro et nomine wieġeb biex jgħid li huwa qed jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti u dan biex ma jeħilx spejjeż tal-appell.

**Risposta tal-appell tal-konvenut appellat Joseph Bianco:**

Il-konvenut appellat Joseph Bianco wieġeb biex juri li l-appell huwa infondat u għandu jiġi respint bl-ispejjeż kollha kontra l-attur appellant John Tabone.

<u>L-iżball</u>
Fir-rigward tal-ewwel aggravju dwar l-iżball, l-appellat jissottometti li dan l-aggravju ma jistax jiġi milqugħ għaliex huwa stabbilit li żball fl-okkju ts-sentenza mhux suffiċjenti biex tiġi annullata s-sentenza u li din il-Qorti għandha tordna l-korrezzjoni relattiva ai termini tal-Artikolu 175(2).

<u>Il-fatti</u>
Fir-rigward tat-tieni aggravju dwar il-kontestazzjonijiet ta' fatt, il-konvenut appellat jagħmel riferenza għall-kuntratt tal-1948 bħala l-kuntratt tal-akkwist li permezz tiegħu missier l-attur, u cioe` Salvatore Tabone allegatament akkwista l-art mertu tal-kawża. Huwa jsostni li l-art li ġiet akkwistata minn Salvatore Tabone fil-fatt mhix dik mertu tal-kawża peress li l-irjieħat kif imniżżla ma jirriflettux dawk li l-art in kwistjoni għandha fir-realta`.

<u>Il-pussess</u>
Il-konvenut appellat jagħmel riferenza għar-rikors tal-appell fejn jingħad li l-art kienet oriġinarjament aċċessibbli minn Triq Carolina imbagħad meta l-livell tat-triq tbaxxa minħabba xi żvilupp infetaħ bieb fil-ħajt. Il-konvenut appellat isostni li mhux minnu li l-atturi kellhom aċċess għall-art in kwistjoni u di piu` hemm ukoll il-fatt li din qatt ma nħadmet u kienet dejjem żdingata u qatt ikkoltivata. Isemmi wkoll li meta l-attur appellant John Tabone ġie biex jirreġistra l-art li jaħdem mad-Dipartiment tal-Agrikoltura huwa ma rreġistrax l-art in kwistjoni.

<u>Il-preskrizzjoni</u>
Il-konvenut appellat fl-ewwel lok isostni li huwa ridikolu l-argument tal-attur appellant li meta l-ewwel Qorti rreferiet għall-"aħħar tas-sajf 2004" kienet qed tirreferi għall-aħħar ta' Awwissu skont il-metereoloġija, għaliex huwa magħruf minn kulħadd li s-sajf jispiċċa fil-21 ta' Settembru. Huwa jiċċara li l-allegat att spoljattiv mertu tal-kawża jikkonsisti filli f'Settembru 2004 huwa (il-konvenut appellat) qabbad lil Salvatore Sciberras jiżbor is-siġar u li aktar tard qabbad lil

terzi persuni biex iħammlu r-raba u jagħmlu fetħa fil-ħajt biex ikunu jistgħu jidħlu iktar faċilment fir-raba billi xtaqu jdaħħlu l-vettura. Huwa jargumenta li kif konfermat f'diversi deċiżjonijiet, iż-żmien tal-azzjoni jibda' mill-ġurnata li fiha jseħħ l-allegat att spoljattiv u mhux mill-ġurnata li fiha l-attur isir jaf bl-ispoll.

Huwa jsostni li l-att spoljattiv kien jikkonsisti l-ewwel fiż-żabra tas-siġar f'Settembru 2004 u aktar tard fit-tħammil tal-art fit-8 ta' Diċembru 2004. Dwar id-diskrepanza bejn dak li tgħid l-ewwel Qorti fil-parti razzjonali tas-sentenza (li x-xogħol l-ieħor sar fix-xahar ta' Diċembru) u dak li tgħid fil-parti deċiżiva (li sar fit-8 ta' Settembru 2004) l-appellat isostni li dan kien żball ġenwin tal-ewwel Qorti. Fil-fatt iżid jgħid li malli induna b'dan l-iżball huwa intavola rikors fejn talab il-korrezzjoni ta' din id-data indikata fil-parti deċiżiva tas-sentenza.[13]

Dwar l-att spoljattiv, il-konvenut appellat isostni li dan seħħ f'Settembru 2004 meta huwa, bl-intenzjoni li kien qed jeżerċita dritt tiegħu, daħal fir-raba mertu tal-kawża u żabar is-siġar, u dan żgur li mingħajr il-kunsens tal-attur appellant.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

L-ewwel aggravju tal-attur appellant jirrigwarda l-iżball li għamlet l-ewwel Qorti meta fl-okkju tas-sentenza appellata naqset li tniżżel l-atturi kollha. Fil-fatt għalkemm din l-azzjoni ta' spoll saret minn tlettax-il-persuna, fl-okkju tas-sentenza ġew imniżżla disgħa biss. L-attur appellant John Tabone huwa fil-fatt wieħed mill-erba' atturi li tħallew barra mill-okkju tas-sentenza appellata u fir-rikors tal-appell tiegħu isostni li minħabba dan l-okkju żbaljat is-sentenza tal-ewwel Qorti hija nulla. F'dan ir-rigward din il-Qorti tat provvediment nhar it-3 ta' Frar 2012 u kkonkludiet li l-atturi li ma tniżżlux fl-okkju tas-sentenza appellata ma ġarrbu l-ebda preġudizzju u rraġunat illi li titħassar is-sentenza għal raġuni li ma tagħmel l-ebda

[13] Fil-fatt bid-digriet tagħha tal-01.02.2011 l-ewwel Qorti awtorizzat korrezzjoni f'dan is-sens

preġudizzju lill-partijiet u li hija indifferenti għall-interessi tagħhom ma jkunx fl-interess tal-ġustizzja, anzi jkun ta' ħsara. Irriteniet li din l-eċċezzjoni dwar in-nullita` tista' tintlaqa' biss jekk ma jintweriex li s-sentenza hija "*ġusta fis-sustanza tagħha*", ħaġa li tista' ssir biss wara li l-appell ikun instema' fuq il-mertu.

Din il-Qorti għalhekk f'dan l-istadju ser tgħaddi biex teżamina jekk is-sentenza appellata kinitx waħda ġusta fil-mertu, u cioe` jekk kellhiex raġun l-ewwel Qorti li tikkonkludi li ma kien hemm l-ebda spoll u li konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-atturi, għaliex f'każ li jirriżultalha li l-mertu huwa ġust, ma jkunx hemm lok li tintlaqa' l-eċċezzjoni tan-nullita`, u dan skont kif previst fl-Artikolu 790 tal-Kap. 12.

Ser tibda' billi tikkunsidra t-tielet aggravju tal-attur appellant li jikkonċerna r-rekwiżit tax-xahrejn (*infra bimestre deduxisse*).

Fil-premessi taċ-ċitazzjoni l-atturi sostnew "*f'xi żmien wara l-10 ta' Diċembru 2004*" il-konvenut daħal permezz ta' gaffa f'raba allegatament posseduta minnhom, kisser is-siġar li kien hemm, fosthom siġra taż-żebbuġ, neħħa d-dwieli, neħħa l-weraq ta' dindja li kien jiddelimita l-art u waqqa' l-ħajt tal-kantun li kien jifred l-għalqa mit-triq.

L-ewwel Qorti irriteniet li għalkemm l-atturi sostnew li l-atti kollha saru f'Diċembru 2004 irriżultalha sodisfaċentement li ż-żabra tas-siġar saret fl-aħħar tas-sajf 2004 filwaqt li x-xogħlijiet l-oħra saru fit-8 ta' Diċembru 2004[14]. Għalhekk ikkonkludiet li kemm fil-każ tas-siġar kif ukoll fil-każ tax-xogħlijiet, laħqu skadew ix-xahrejn permessi mil-liġi għal kawża bħal din.

L-appellant ħassu aggravat b'din il-konklużjoni għaliex:

[14] Għalkemm fil-parti deċiżiva erronjament qalet li kien fit-"8 ta' Settembru 2004", din id-data ġiet korretta b'digriet tagħha stess tal-1 ta' Frar 2011 fejn qalet li riedet tniżżel "8 ta' Diċembru 2004" u awtorizzat il-korrezzjoni opportuna.

a) Skont hu l-ewwel Qorti emmnet lill-konvenut u lix-xhieda li pproduċa u ma emmnitx lill-atturi li stqarru li qabel Diċembru l-għalqa ma kinitx disturbata u lill-uffiċjal tal-MEPA li aċċeda fl-għalqa fi Frar 2005 u spjega li ż-żabra li sab kienet għadha friska. Huwa għalhekk jibqa' jsostni li l-atti spoljattivi saru kollha f'Diċembru 2004 u mhux f'Settembru u Diċembru 2004.

b) Jilmenta wkoll li anke kieku kien il-każ li ż-żabra u t-tqaċċit tas-siġar sar f'Settembru 2004, it-terminu ta' xahrejn għandu jibda' jgħaddi mid-data tal-ftuħ tal-ħajt u okkupazzjoni tal-għalqa f'Diċembru 2004 u dan għaliex (1) it-tqaċċit tas-siġar mhux att spoljattiv iżda mera turbattiva, u (2) anke kieku t-tqaċċit tas-siġar jitqies bħala att spoljattiv, it-terminu ta' xahrejn jibda' jgħaddi mit-tieni att mhux mill-ewwel wieħed.

c) Iżid jgħid li anke jekk tiġi aċċettata l-konklużjoni li t-tqaċċit tas-siġar kien att spoljattiv, f'din l-ipotesi saru żewġ atti ta' spoll separati u distinti minn xulxin: it-tqaċċit f'Settembru 2004 u l-ftuħ tal-ħajt u l-okkupazzjoni f'Diċembru 2004. Għalhekk isostni li anke jekk l-azzjoni ma tistax tirnexxi fir-rigward tal-azzjoni li seħħet f'Settembru, ċertament li ġiet proposta tajjeb fir-rigward tal-ftuħ tal-ħajt li sar f'Diċembru 2004.

Il-verżjoni tal-konvenut hi li ż-żabra saret fl-aħħar tas-sajf tal-2004. Il-konvenut Joe Bianco xehed li "*F'Settembru 2004 qabbadna lil Salvatore Sciberras sabiex flimkien ma kuġinuh huwa jiżbor xi siġar f'din l-għalqa*." Kontro-eżaminat jikkonferma li kif xehed fl-affidavit tiegħu iż-żbir sar f'Settembru 2004. Il-kunjata tiegħu Maria Mercieca xehdet li s-siġar inżabru "*wara t-tmienja ta' Settembru*". Salvatore Sciberras u kuġinuh Saviour Buttigieg fil-fatt jikkonfermaw li marru jiżbru f'din l-għalqa. Saviour Buttigieg jippreċiża li dan kien "*għall-aħħar tas-sajf*".

Imbagħad fir-rigward tax-xogħlijiet ta' tħammil u ftuħ tal-ħajt, il-konvenut Joseph Bianco xehed li *"..fit-8 ta' Diċembru 2004 qabbadna lil William Xuereb, kuntrattur mill-Munxar, Għawdex, biex iħammel l-għalqa u jiftaħ fetħa ġol-ħajt sabiex inkunu nistgħu nidħlu nnadfuha u*

*nidħlu bil-karozza*.” Kontro-eżaminat huwa jenfasizza li x-xogħol sar “*fil-Kunċizzjoni tal-elfejn u erbgħa*” u cioe` fit-8 ta’ Diċembru 2004.

L-atturi da parti tagħhom isostnu li kollox sar f’Diċembru tal-2004, u cioe` kemm iż-żbir kif ukoll it-tħammil u l-ftuħ tal-ħajt. L-attur Gianni Tabone xehed li fil-bidu tax-xahar ta’ Diċembru kien mar u sab li “*Kien għadu kollox sewwa*.” L-attur Anthony Tabone xehed li sa ġimgħatejn qabel il-Milied “*Kollox sewwa kien għadu*”. Għalkemm Stanley Gatt mill-MEPA xehed li meta mar fuq il-post fil-21 ta’ Frar 2005 kien jidher li ż-żabra kienet riċenti qal ukoll li “*Kemm effettivament tmur lura ż-żabra hija diffiċli li tgħid*.” Spjega li kieku għaddew snin kien ikun iktar faċli tgħid għaliex il-ferita tkun għaqdet.

Din il-Qorti wara li eżaminat iż-żewġ verżjonijiet, bħall-ewwel Qorti hija wkoll tal-fehma li ż-żbir sar f’Settembru 2004 u mhux f’Diċembru 2004, iżda anke kieku kellha għall-grazzja tal-argument tqis li ż-żbir sar ukoll f’Diċembru 2004, flimkien max-xogħlijiet, huwa importanti li tiġi stabbilita d-data eżatta u mhux biżżejjed li jitqies li kien “Diċembru 2004”. L-atturi kienu vagi ħafna f’dan ir-rigward. Gianni Tabone xehed li “*fil-bidu*” ta’ Diċembru 2004 kollox kien għadu kif kien, filwaqt li Anthony Tabone qal li sa “*Ġimgħatejn qabel il-Milied*” kollox kien għadu f’postu, iżda naqsu milli jippreċiżaw id-data ta’ meta seħħ l-att/atti spoljattiv/i. Għalkemm fiċ-ċitazzjoni allegaw li x-xogħol kollu sar “*xi darba wara l-10 ta’ Diċembru 2004*”, aktarx li semmew din id-data (u kkonfermaha bil-ġurament Anthony Tabone fid-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni) għaliex iċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata proprju fid-9 ta’ Frar 2005 u b’hekk ippruvaw jevitaw li l-azzjoni tkun preskritta skont il-liġi. Iżda din il-Qorti taraha stramba ħafna li imbagħad waqt il-ġbir tal-provi l-atturi qatt ma reġgħu irreferew għad-data tal-10 ta’ Diċembru 2004 fix-xhieda tagħhom biex jikkorroboraw dak li intqal fil-premessi taċ-ċitazzjoni u d-dikjarazzjoni ġuramentata annessa magħha. Hekk kif il-konvenut jiftakar speċifikatament id-data tal-8 ta’ Diċembru 2004 għaliex kien jaħbat il-ġurnata tal-Kunċizzjoni, il-konvenuti ma spjegawx għaliex semmew speċifikatament id-data tal-10 ta’ Diċembru 2004 fiċ-

ċitazzjoni u fid-dikjarazzjoni ġuramentata. Anzi Gianni Tabone xehed li kien "*fil-bidu*" tax-xahar ta' Diċembru li mar u ra li kollox kien għadu sewwa, u għalhekk aktarx li kien qabel l-10 ta' Diċembru 2004 li kien fuq il-post. Anthony Tabone, dak li fid-dikjarazzjoni xehed li kien f'xi żmien wara data speċifika l-10 ta' Diċembru 2004 li saru x-xogħlijiet, fix-xiehda tiegħu ma reġax semma' din id-data, iżda sempliċiment qal li "Ġ*imgħatejn qabel il-Milied*" kien ra li kollox kien sewwa. Inċidentalment "*Ġimgħatejn qabel il-Milied*" huwa wkoll l-ġimgħa tal-Kunċiżżjoni, il-ġimgħa tat-8 ta' Diċembru 2004, li hija d-data li fiha, skont il-konvenut, saru x-xogħljiiet. Għalhekk anke jekk Anthony Tabone mar fuq il-post "*Ġimgħatejn qabel il-Milied*" u ma ra xejn, dan seta' kien eżatt qabel ma saru x-xogħlijiet u għalhekk mhux inkonsistenti mad-data speċifika tat-8 ta' Diċembru 2004 li jsemmi l-konvenut. Il-provi mressqa mill-atturi ma jikkonfermawx dak allegat mill-istess atturi fiċ-ċitazzjoni (u maħluf fid-dikjarazzjoni), u cioe` li l-atti lamentati minnhom seħħew speċifikatament "*f'xi żmien wara l-għaxra (10) ta' Diċembru elfejn u erbgħa (2004)*". U f'kawża ta' spoll mhux biżżejjed li x-xahrejn mill-atti lamentati sal-ftuħ tal-kawża ikunu approssimattivi: irid effettivament jirriżulta li ma skadewx xahrejn.

Din il-Qorti għalhekk, bħall-ewwel Qorti, mhix konvinta li l-azzjoni saret fi żmien xahrejn mill-allegati atti spoljattivi u konsegwentement it-tielet aggravju jirriżulta infondat.

Marbut ma' dan it-tielet aggravju hemm ir-raba' aggravju, li jirrigwarda kif, fil-fehma tal-appellant, għandu jingħadd it-terminu ta' xahrejn. Huwa jsostni li għandu japplika l-prinċipju "*dies a quo non computatur in termino, dies ad quem computatur*", u li għalhekk fit-terminu għall-preżentata taċ-ċitazzjoni, l-ewwel jum li fih ikun ġie kommess l-att spoljattiv ma jgħoddx, filwaqt li tingħad l-aħħar ġurnata. Jgħid li anke kieku kellha tittieħed id-data tat-8 ta' Diċembru 2004 bħala d-data li fiha sar l-ispoll ifisser li t-terminu ta' xahrejn kien jagħlaq fil-jum li ġiet miftuħa l-kawża, u cioe` fid-9 ta' Frar 2005. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-argument huwa żbaljat għall-aħħar. It-terminu ta' xahrejn huwa wieħed li jirrigwarda "xhur" u mhux "jiem" u għalhekk għall-finijiet tat-tielet rekwiżit tal-

azzjoni ta’ spoll, l-“*infra bimestre deduxisse*”, wieħed ma jgħoddx ġranet, iżda xhur. Fid-9 ta’ Frar 2005, ix-xahrejn mit-8 ta’ Diċembru 2004 kienu skadew.

Għalhekk ir-raba’ aggravju jirriżulta wkoll infondat. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti mhux ser tikkunsidra t-tieni aggravju li jirrigwarda r-rekwiżit tal-pussess, (anke jekk l-ewwel Qorti dehrilha li kellha tikkunsidrah ukoll flimkien mal-element tal-preskrizzjoni) għaliex la darba din il-Qorti ma hix sodisfatta li l-azzjoni saret entro t-terminu ta’ xahrejn, ifisser li l-azzjoni falliet u huwa inutli li tidħol f’konsiderazzjonijiet dwar il-pussess.

B’referenza għall-provvediment li ingħata minnha stess fit-3 ta’ Frar 2012, ladarba issa jirriżulta lil din il-Qorti li s-sentenza appellata kienet waħda ġusta fil-mertu, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi l-eċċezzjoni tan-nullita` tas-sentenza appellata kif sollevata fl-ewwel aggravju tal-attur appellant qed tiġi miċħuda.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi.

L-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------